Kunsill Lokali – Marsaxlokk – Local Council

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali MARSAXLOKK

# IT-TMIEN LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 3

It-Tlieta 6 ta' Awwissu 2019

Il-Kunsilli Lokali Marsaxlokk iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 2, Triq Vittorio Cassar, Marsaxlokk MXK1051, fl-5:00 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Steven Grech – Sindku
Elenia Desira – Viċi Sindku
Janice Chetcuti – Kunsillier
Daniel Zerafa – Kunsillier

ASSENTI:

Stephen Caruana – Kunsillier

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Emma Vella – Segretarju Eżekuttiv

| | |
|---|---|
| 3.1 | Qari ta' ittri ta' apoloġiji |
| 3.1.1 | Is-Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsiliera prezenti li s-Sur Stephen Caruana talab sabiex jigi skuzat mill-laqgha tal-llum imhabba ragunijiet li ma' kellux kontroll fuqom. Wara diskussjoni libera l-Kunsilliera qablu li jigi skuzat. |
| 3.2 | Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti |
| 3.2.1 | Kopja tal-Minuti tas-Seduta preċedenti innumerata 2 kienet tqassmet lill-Kunsilliera qabel il-laqgħa u għaldaqstant il-minuti ttieħdu bħala moqrija. |
| 3.2.2 | Is-Sa Janice Chetcuti ppropóniet u s-Sa Elenia Desira ssekondat il-minuti tas-Seduta 2 u ġew approvati b'votazzjoni unimament fost dawk preżenti. |
| 3.3 | Komunikazzjonijiet mis-Sindku |
| 3.3.1 | Is-Sindku informa lill-Kunsilliera li nhar il-15 ta' Lulju 2019 flimkien mas-Sur Stephen Caruana attenda laqgha ma' *Project Malta*, mal-Perit u l-Koperattivi tas-Sajd rigward il-Pjanta tal-Maghluq iz-zona tas-Sajjieda li taghmel parti mill-Pjan ta' Rigenerazjoni f'Marsaxlokk. |
| 3.3.2 | Is-Sindku informa lill-Kunsilliera li nhar il-15 ta' Lulju 2019 flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv attenda laqgha ma' raprezentant tal-Ministeru tat-Turizmu rigward proposta ta' kuntratt tal-*Platform* tas-Sajjieda li jigi nstallat kull sena f'*St Peter's Pool* f' Marsaxlokk. Is-Sur Steven Grech informa l-Kunsill li dan il-Kuntratt ma giex iffirmat imhabba li ma kienx hemm qbil. |
| 3.3.3 | Is-Sindku informa lill-Kunsilliera li nhar iz-17 ta' Lulju 2019 attenda laqgha ma raprezentat ta' Marsaxlokk *Heritage* fejn gie diskuss li hemm interess li Torri Vendome jigi devolut lilhom b'kollaboazzjoni mal-Kunsill Lokali. |
| *Il-hin huwa 17:15pm u l-laqgha tal-Kunsill giet sospenduta sabiex individwu jkellem lill-Kunsill fuq id-devoluzzjoni ta' Torri Vendome.* | |
| *Il-hin huwa 18:10pm u l-laqgha tal-Kunsill tkompliet.* | |
| 3.3.4 | Is-Sindku informa lill-Kunsilliera li nhar it-18 ta' Lulju 2019 flimkien mas- Segretarju Ezekuttiv attenda laqgha ma' raprezentanti tal-LESA fejn gew diskussa l-*Bye Laws* tal-Kunsill li jinkludu skips, skart, barbeques, caravans u campings sabiex isir l-infurzar necessarju. |
| 3.3.5 | Is-Sindku informa lill-Kunsilliera li nhar id-19 ta' Lulju 2019 flimkien mas- Segretarju Ezekuttiv attenda laqgha ma' raprezentant tal-Awtorita tat-Turizmu sabiex tinstab l-ahjar lokazzjoni biex jitwahhal *Seabin* f'Xatt is-Sajjieda Marsaxlokk li naghta mil-istess Awtorita. |

| | |
|---|---|
| 3.3.6 | Is-Sindku informa li nhar id-29 ta' Lulju 2019 flimkien ma' Sa Elenia Desira , Sa Janice Chetcuti, s-Sur Stephen Caruana u s- Segretarju Ezekuttiv kellhom zjara mill-Ministru tal-Gustizzja, Kultura u Gvern Lokali fejn gew diskussa materji varji ghal gid tal-lokal. |
| 3.3.7 | Is-Sindku informa lill-Kunsilliera li nhar it- 30 ta' Lulju 2019 flimkien ma' Sa Elenia Desira u Sa Janice Chetcuti attenda konferenza tal-aħbarijiet f'Marsaxlokk mill-Ministru tal-Infrastruttura u l- kollegi tieghu rigward ix-xogħlijiet li għaddejjin preżentement fuq il-breakwater tal-Qrejten. |
| 3.3.8 | Is-Sindku informa lill-Kunsilliera li nhar it- 30 ta' Lulju 2019 is-Segretarju Ezekuttiv attendiet l-Awtorita tal- Ipjanar ghall-iffirmar ta' ftehim ta' Kuntratt tal-fanali tal-Pjazza liema fondi se jkunu qed jiaghtaw kollha mid-DPF. |
| 3.3.9 | Is-Sindku informa lill-Kunsilliera li nhar il-31 ta' Lulju 2019 flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv attenda laqgha mad-*District Operations* sabiex jigu diskussa x-xogholjiet tal-Haddiema Assenjati tal-Kunsill. |
| 3.3.10 | Is-Sindku informa lill-Kunsilliera li nhar il-31 ta' Lulju 2019 flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv attenda laqgha mas-Sajjieda u ma' l-*Aquaculture* fejn gie dikuss il-*Fisf Farm* tat-Tonn u s-Sajjieda setghu jresqu l-ilmenti taghhom. |
| 3.3.11 | Is-Sindku informa lill-Kunsilliera li nhar il-5 ta' Awwissu 2019 attenda laqgha ma' tal Monti li jarma nhar ta' Hadd f'Marsaxlokk fejn gew diskussa l-*placemenets* godda li se jkollom. |
| *Il-hin huwa 18:28pm u l-laqgha tal-Kunsill giet sospenduta sabiex fil-prezenza ta' Spettur tal-Pulizija jigi ffirmat il-Kuntratt ta' fthemin ta' self temporanju tal-Binja Edukattiva tal-Kunsill Lokali bhala ghassa.* | |
| *Il-hin huwa 18:55pm u l-laqgha tal-Kunsill tkompliet.* | |
| 3.4 | Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri |
| 3.4.1 | Is-Sa Elenia Desira staqsiet: "Fejn jithol gbir tal-hwejjeg kif kien jingabar fis-snin passati ?" Is-Segretrju Ezekuttiv spjega li fil-passat kien hemm kuntrattur li jigbor il-hwejjeg darba f'xahar bla hlas imma mhabba ragunijiet personali ma' setghax jibqgha jaghti dan is-servizz. |
| 3.4.2 | Is-Sa Elenia Desira staqsiet: "Huwa possibli li jkolna kuntrattur jew xi tip ta bin li fih ir-residenti jkunu jistghu jitfaw il-hwejjegg li jkunu jixtiequ jarmu?" Wara diskussjoni libera gie deciz li s-Segretarju Ezekuttiv kellu jivverifia dwar il-*Bins* tal-hwejjeg. |
| 3.5 | Rapporti |
| 3.5.1 | - Is Segretarju Ezekuttiv infurmat lill-Kunsilliera li kienet tkelmet mas-Sid tal-Binja tal-Kunsill rigward il-kera u l-gallarijja kundannata li tinsab fl-istess binja. Sa Emma Vella spjegat lis- sid taqbel li l-gallarijja titwaqqgha u tibqgha hekk u li l-kera kellha toghla fil-prezz minn Jannar 2020 b'1,600Eur aktar fis-sena stabbilita ghall-tlitt snin. Wara diskssjoni libera gie deciz li il-gallarija titwaqqgha bi ftehiem mas-Sid. |

| | |
|---|---|
| | - Permezz ta' korrispondenza datata 29 ta' Lulju 2019 mingħand id-Dipartiment tal-Awtoritatal-Artijiet il-Kunsill gie nfurmat li naghta permess li c-Centru Edukattiv li jinsab fi Triq l-Arznell jintuza temporanjament bhala ghassa tal-Pulizija meta ma' jkunx qed isir tahrig ta' taghlim.<br><br>- Permezz ta' korrispondenza datata 22 ta' Lulju 2019 minghand Transport Malta il-Kunsill gie nfurmat bil-pasagg privat li jinsab Triq il-Kavalleizza sabiex jinghalaq.<br><br>- Permezz ta' korrispondenza datata 29 ta' Lulju 2019 minghand Perit tal-immanigjar tat-traffiku l-Kunsill gie nfurmat i kelha ssir *Zebra Crossing* temporanja fi Triq il-Kavallerizza. Wara diskussjoni libera gie deciz li z-*Zebra Crossing* temporanja tigi approvata.<br><br>- Permezz ta' korrispondenza datata 18 ta' Lulju 2019 mingħand *Nature Trust* Malta il-Kunsilliera gew infurmati b'zewg rikjesti sabiex issir letrina temporanja fiz-zona tal-Ballut u jitressqu l-blokok tal-konkrit li qieghdin mal-*fence*. Wara diskussjoni libegie deciz li letrina ma' kellix isir ghar-raguni li hemm wahda fil-vicin u li l-blokok tal-konkrit ghandhom jitnehhew.<br><br>- Permezz ta' korrispondenza datata 21 ta' Lulju 2019 mingħand rezident il-Kunsill gie nfurmat bis-sewqan eccessiv fi Triq Melqart u Triq Birikka kif ukol b'rikjesta sabiex issir *Sleeping Police*. Wara diskussjoni libera gie deciz li l-Kunsill ikellem lil-Transport Malta sabiex issir *Zebra Crossing* u jibghat rikjesta sabiex issir *Speed Camera*.<br><br>- Permezz ta' korrispondenza datata 25 ta' Lulju 2019 mingħand Vodafone Malta l-Kunsill gie nfurmat b'rikjesta sabiex jinaghta pemess quddiem il-bahar sabiex isir *Workshop*.Sa Emma Vella nfurmat lil-Kunsilliera li se jkun hemm 120 persuna prezenti u l-hinijiet u d-data huma bejn 16:00pm sal-23:00pm nhar is-26 ta' Settembru 2019. Wara diskussjoni libera gie deciz li ghandha ssir laqgha u jekk jintalhaq ftehiem jinaghta permess quddiem il-Kunvent tas-Sorijiet jew il-parkegg tal-Maghluq.<br><br>- Permezz ta' korrispondenza datata 24 u 31 ta' Lulju 2019 mingħand *Costa Coffee* l-Kunsill gie nfurmat b'rikjesta sabiex isiru *potholes* fl-art u jigu nstallati erba' umbrellel. Wara diskussjoni libera bejn il-Kunsilliera prezenti gie deciz li m'ghandu jinaghta l-ebda' permess ghal din ir-rikjesta.<br><br>- Permezz ta' korrispondenza datata 5 ta' Awwissu 2019 mingħand *PERICLES Cultural Heritage* il-Kunsill gie nfurmat b'rikjesta sabiex bejn il-11 u 15 ta' Novembru isir *Workshop* ta' gurnata fil-binja tal-Kunsill minn individwi ta' l-Universita ta' *Wageningen* fl-Olanada flimkien ma' dawk li huma nteressati fil-Cultural Heritage f' Marsaxlokk. Wara diskussjoni libera gie deciz li din it-talba ghandha tigi milqugha.<br><br>- Permezz ta' korrispondenza datata 5 ta' Awwissu 2019 mingħand l-Assocjazzjoni tal-Kunsil Lokali l-Kunsill gie nfurmat b'Zoni Problematici fil-lokalita' – Kontroll tal-Hamiem. Wara diskussjoni libera gie deciz li l-Kunsill ghandu jindika zewg zoni li huma l-Barumbara li tinsab Triq il-Luzzu kantuniera ma' Xerriek u Triq Abdosir.<br><br>- Permezz ta' korrispondenza datata 5 ta' Awwissu 2019 mingħand rezident il-Kunsill gie nfurmat b'*Reserved Parking Space* quddiem il-propjeta tieghu li kient saret mis-sidien ta' qablu u li issa ma' hemx aktar uzu ghaliha. Wara diskussjoni libera gie deciz li l-Kunsill ghandu jnehi r- *Reserved Parking Space.* |

- Permezz ta' korrispondenza datata 24 ta' Lulju 2019 mingħand Perit il-Kunsill gie nfurmat b'applikazzjoni PC57/07 sabiex jigu determinati it-toroq u l-ammont ta'bini go art wara Triq Lepanto biswit il-Housing Estate tal-Gvern. Il-Kunsill gie nfurmat ukoll li fl-applikazzjoni hemm li parti mil-art trid tkun *Green Area* miftuha ghall-pubbliku filwaqt li bhala propjeta' tibqa' privata. Is-Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsill li fl-istess korrispondenza l-Perit qal li gie avvicinat mis-sidien li nfurmawh li kellhom ghazla jekk il-manteniment tal-*Green Area* jaqax taht il-Kunsill Lokali bis-sidien johorgu ammont ta' flus jew jekk jibqghux huma responsabbli minnha. Il-Kunsilliera gew infurmati lis-sidien jixiequ li jibqghu jiehdu hsieba huma ghaldaqstat talbu l-Kunsill jikkunsidra din il-proposta qabel ma' tidhol l-applikazzjoni l-Awtorita ta-Ippjanar. Wara diskussjoni libera gie deiz li s-sidien jibqghu jiehdu hsieb il-*Green Area* fuq kundizzjoni li tibqgha accessibli ghall-pubbliku.

- Permezz ta' korrispondenza datata 24 ta' Lulju 2019 mingħand il-*Primary Health Care* l-Kunsill gie nfurmat li nstab post addattat ma' gemb it-Trunciera f'Marsalokk sabiex issir klinika.Il-Kunsilliera prezenti gew infurmati li l'entratura mblukkata bit-*Trailors* u l-Lanec ghaldaqstant ma' jistghux jnbdew ix-xogholijiet. Il-*Primary Health Care* ghamlet rikjesta sabiex tinaghta ghajnuna mill-Kunsill billi jigu avicinati s-sidien tat-*Trailors* u l-Lanec biex jitnehhew u jkun jista' jibda x-xoghol. Wara diskussjoni libera gie deciz lis-Sur Steven Grech ikellem lis-sidien sabiex it-*Trailors* u l-Lanec jitnehhew.

- Permezz ta' korrispondenza datata 30 ta' Lulju 2019 mingħand residenta l-Kunsill gie nfurmat li nhar it-23 ta' Lulju 2019 kienet niezla bil-vettura tagha minn Triq ix-Xerriek ghal Triq il-Kavallerizza fejn qasmet zewg *tyres* ma' cnut baxxi li m'humiex bi dritt xulxin fil-liwja tat-Triq. Ir-rezidenta talbet kumpens tal-ammont tad-danni li garbet. Wara diskussjoni libera gie deciz li l-Kunsill m'ghandux ihallas ghal-ispejjez ghar-raguni li c-cint imsemmi ma' jostakolax karozzi biex jghaddu minn hemm ghax hemm bizzejjed wisgha sabiex tghaddi karozza.

- Permezz ta' korrispondenza datata 30 ta' Lulju 2019 mingħand l-Awtorita tat-Turizmu l-Kunsill gie nfurmat b'osservazzjonijiet u kummenti li rcieva l-Ufficju tat-Turizmu li jinsab f'Xatt is-Sjjieda f'Marsaxlokk. Wara diskussjoni libera gie deciz li l-korispondenza tintbghat lis-Sur Daniel Zerafa ghall-aktar attenzjoni ghax taghmel parti mir-responabilitajiet assenjati lilu.

- Permezz ta' korrispondenza datata 25 ta' Lulju 2019 mingħand l-Assocjazzjoni tal-Kunsill Lokali l-Kunsill gie nfurmat b' Fondi ghall-inizjattivi Kulturali / Socjali mil-Fondi tal-LESA. Wara diskussjoni libera gie deciz li l-Kunsill japplika ghal dawn il-fondi u kellhom jintuzaw ghal-Gnien ta' Port Ruman. Is-Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsill li ghadu ma' rciviex informazzjoni dwar l-ammont tal-fondi imma kellu jinforma l-Kunsill malli jircievi korrispondnza.

- Permezz ta' Cirkolari *SPI /SCI/*12/2019 datata 5 ta' Lulju 2019 mibghuta mid-Direttorat ghall-Gvern Lokali, Strategija u Implimentazzjoni ta' *Policy* il-Kunsill gie nfurmat bi Skema dwar Restawr ta' Postijiet / Monumenti Storici f'Malta. Is-Segretarju Ezekuttiv staqsa l-Kunsilliera x'decizjoni kienet ser tittiehed f' dan ir-rigward peress li l-Kunsill kien indeciz fil-laqgha precedenti. Wara diskussjoni libera bejn il-Kunsilliera prezenti gie deciz sabiex il-Kunsill jikkomunika mal-Ministru tal-Gustizzja, Kultura u Gvern Lokali rigward Torri Vendome qabel ma' jideciedi fuq l-applikazzjoni tar-restawr.

| | |
|---|---|
| | - Il-Kunsill Lokali iddiskuta l-applikazzjonijiet għal żvilupp bin-numri:<br><br>PA/01921/19, PA/0576/19, PA/01921/19, PA/05635/19, PA/05648/19, PA/02533/19, PA/04028/19, PA/05585/19, PA/04367/18, RG/04977/18, PA/05306/19, PA/05320/19, PA/05338/19.<br><br>Ġie deċiż illi ma kellha tinstab ebda oġġezzjoni għall-applikazzjonijiet imsemmija hlif ghal dawk innumerati PA/02533/19, PA/04028/19, PA/05320/19 li għalihom il-Kunsill Lokali kellu joġġezzjona. |
| 3.6 | Mozzjonijiet |
| 3.6.1 | Ma kienx hemm. |
| 3.7 | Pjan ta' Hidma 2019 – 2024 |
| 3.7.1 | Is-Segretarju Ezekuttiv prezenta l-Pjan ta' Hidma lill-Kunsiliera. Sa Emma Vella spjegat li t-talbiet tal-Kunsilliera kienu mnizzla fir-rapport u ntbghat lilhom sabiex jekk jehtieg isiru xi emendi. Wara diskssjoni libera gie deciz li Pjan ta' Hidma ha jigi diskuss aktar fid-detall u jigi approvat fil-laqgha tal-Kunsill li jmiss sabiex tigi deciza d-data tal-laqgha ghall-pubbliku fix-xahar ta' Settembru 2019. |
| 3.8 | Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskedi ta' pagamenti |
| 3.8.1 | Is-Sindku poġġa fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali skeda ta' pagamenti (Skeda nru. 8/19) għall-approvazzjoni. |
| 3.8.2 | Fuq mozzjoni tas- Sur Daniel Zerafa, issekondata mis-Sa Elenia Desira, l-Kunsill Lokali unanimament approva l-lista li hi annessa u tifforma parti minn dawn il-minuti. |
| 3.8.3 | Is-Sindku poġġa fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali il-lista ta' *petty cash* magħruġ matul ix-xahar ta' Lulju 2019 għall-approvazzjoni tal-Kunsill Lokali. |
| 3.9 | Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss |
| 3.9.1 | Is-Seduta tal-Kunsill Lokali intemmet fit-8:45pm wara li ġiet eżawrita l-aġenda, u ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn 2 ta' Settembru 2019 fil-5:00pm. |

Konfermati, illum 6 ta' Awwissu 2019.

IFFIRMATA

__________________
Steven Grech
Sindku

IFFIRMATA

__________________
Emma Vella
Segretarju Eżekuttiv